MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Avviz Numru. 370/2006

**Camel Brand Company Limited (C19119)**

**vs**

**Worldwide Import and Export Company Limited (C6622)**

**Il-Qorti:-**

Rat illi s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Novembru 2006 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lis-socjeta konvenuta tirrifondi lura l-ammont t’elfejn sitt mija u hamsin lira maltin (LM2,650,00) liema ammont thallas lilha bi zvista u minghajr qatt ma kien dovut.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kif wkoll dawk tal-Ittra Ufficcjali datata sebgha (7) ta’ Settembru 2006 u dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-hlas u cioe mit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju

2001, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta 'n subizzjoni.

Rat r-risposta tas-socjeta konvenuta ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sebgha (7) ta' Dicembru 2006 (fol. 4) fejn eccepiet li:-

*"Illi talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt w ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjetajiet attrici ghar-rgunijiet segwenti:-*

*1.Illi in limine litis, l-azzjoni attrici (ghar-refusjoni ta' pagament indebitu allegatament maghmul mis-socjeta attrici lis-socjeta eccipjenti) hija preskritta ai termini tal-artikolu 1027 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, l-azzjoni attrici hija preskritta inter alia skond l-artikolu 2156(f) tal-istess Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, is-somma mitluba mis-socjeta attrici mhijiex dovuta lilha stante li m'huwiex minnu li sar, kif inhu allegat mis-socjeta attrici, xi 'hlas bi zvista' lis-socjeta eccipjenti. Il-pagament li sar lis-socjeta eccipjenti kien pagament deibitament dovut lis-socjeta eccipjenti mis-socjeta attrici bhala hlas ghall-prezz ta' mercia (konsistenti f'trab tal-halib) mibjugha u konsenjata lill-istess socjeta attrici w accettati minnha.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi."*

Rat n-nota tas-socjeta konvenuta Worldwide Import/Export Limited ppresentata seduta stante nhar l-hamsa (5) ta' Gunju 2007 li permezz taghha hija esibiet l-affidavit ta' **Charles Pace** (fol. 16) fejn l-istess jghid li hu kien qed jaghmel dan l-affidavit in konnessjoni mal-kawza li ghandha l-kumpanija minnu rapprezentata u cioe WorldWide Import/Export Company Limited quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Jghid li dan l-affidavit kien qed isir biss ghar-rigward tad-difiza tas-socjeta WorldWide Co.

Ltd. dwar il-preskrizzjoni. Jghid li provi ohra dwar l-eccezzjoni l-ohra jsiru izjed ‘l quddiem jekk ikun mehtieg. Jghid wkoll li dwar il-preskrizzjoni, l-allegat over payment sar izjed minn sitt snin ilu u cioe fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2001 u li minn dak iz-zmien, hadd ma qatt kellmu dwar dan l-allegat over payment sakemm ircieva telefonata wahda ftit xhur qabel.
Jghid li kien hemm recentement xi korrispondenza wkoll, u li l-avukat tas-socjeta tieghu rrisponda billi stqarr li qatt ma kien hemm l-allegat *over payment*. Jghid li meta rcieva l-korrispondenza w t-telefonati, dejjem ikkontesta li kienu saru xi pagamenti zejda (*over payment*).

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar s-sebgha w ghoxrin (27) ta’ Gunju 2007 (fol. 17) li permezz taghha esibit bhala Dokumenti A u B l-korrispondenza msemmija fl-affidavit ta’ Charles Pace fuq imsemmi u kopja tac-cekk mertu tal-kawza datat tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2001 li gie markat bhala Dok. C.

Rat illi fis-seduta tas-sittax (16) t’Ottubru 2007 xehed **Mark Micallef** (fol. 26) fejn qal li hu wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici. Qal li huma kienu jixtru *skimmed milk powder* minghand s-socjeta konvenuta u li gara kien li kien fil-hdax (11) t’April 2001 huwa kien hallas is-somma ta’ tlett elef tmien mija u sebgha w tmenin lira u hamsin centezmu (LM3887.50) kif jirrizulta mill-kopja tac-cekk esebit u mmarkat bhala Dok. MM 1. Spjega li din is-somma kellha tkopri l-*invoices* bin-numru 590265, 588726 u 589219 w ippresenta kopja ta’ dawn it-tlett *invoices* li gew markati bhala Dokumenti MM 2, MM 3 u MM 4.

Izid jghid li fit-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2001 s-socjeta attrici regghet effettwat pagament iehor lis-socjeta konvenuta din id-darba ghas-somma ta’ hamest elef mitejn u hamsin lira maltin (LM5250) kif jirrizulta minn kopja tac-cekk esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok MM 5. Spjega li b’dan l-ahhar cekk thallsu numru ta’ *invoices* partikolarment *invoice* bin-numru 590265 u 592183.

Qal li wara dakinhar ghadda perjodu ta’ xi hames snin u tat-Tax Compliance Unit iccekkjaw xi karti mal-*accountant* tas-socjeta attrici u sabu li fattura minnhom kienet giet imhallsa darbtejn senjatament l-fattura bin-numru 590265.

Meta gie muri d-Dok. MM 2, ix-xhud gibed l-attenzjoni tal-Qorti li dan id-dokument thallas permezz ta’ cekk li semma qabel bin-numru 558 tal-HSBC li jidher immarkat bhala Dok. MM 1, w imbaghad regghet thallset l-istess fattura mmarkata bhala Dok. MM 2 u zewg fatturi ohra 590265 u 592183 bin-numru tac-cekk 566 tal-HSBC datat tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2001 fl-ammont ta’ hamest elef mitejn u hamsin lira matlin lil jidher immarkat bhala Dok. MM 5.

Zid jghid li wara, fis-sena 2006, aktarx f’Lulju, hu kien gie nformat minn Kevin Agius tat-Tax Compliance Unit li kien hemm fattura tas-socjeta konvenuta li kienet giet imhallsa mis-socjeta attrici darbtejn.

Qal li kien wara kellem lil *accountant* tal-kumpanija taghhom stess, u cioe tas-socjeta attrici rigward din il-fattura, fittxewhom u sabuhom u bdew imexxu. Qal li kienu nfurmaw lil avukat taghhom ghal habta t’Awwissu 2006 u bdew imexxu minn hemmhekk. Ftakar li s-socjeta attrici kienet tat struzzjonijiet lil avukat biex tibghat Ittra Ufficcjali lis-socjeta konvenuta li taghha ppresenta kopja bhala Dok. MM 8 w ippresenta karta li kien tah Kevin Agius tat-Tax Compliance Unit bhala Dok. MM 9 li tindika li l-fattura in dezamina tal-konsenja ta’ *skimmed milk*, kienet imhallsa darbtejn mis-socjeta attrici.

Qal li fid-Dok. MM 9 jidher immarkat l-fattura bin-numru 590265 datata tmienja w ghoxrin (28) ta’ Marzu 2001 li gie mhallas l-ammont mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ta’ elfejn sitt mija u hamsin lira maltin (LM2650) u taht hemm immarkat bil-biro n-numru tac-cekk bin-numru 558 li gie mhallas darb’ohra fil-hdax (11) t’April 2001.

Meta gie muri d-Dok. MM 9, ix-xhud qal li d-data bejn l-fattura bin-numru 590265 tirreferi ghad-data tal-fattura

mentri d-data li hemm hdejn ic-cekk bin-numru 558, u cioe hdax (11) t'April 2001, turi d-data tal-pagament.

Illi nhar l-hamsa (5) ta' Frar 2008 xehed **Herman Deqasquale** (fol. 42) fejn qal li hu *accountant* bhala professjoni u jaghmel xoghol t'*accountancy* ghas-socjeta attrici. Qal li rigward s-socjeta attrici jaf li kien hemm xi nvestigazzjoni mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-sena 2006. Qal li kien irrizultalu li kien hemm diskrepanza bejn dak li kien hemm fl-*accounts* indikat taht l-intestatura tax-xiri, u dak li kienu sabu minn naha tat-Tax Compliance Unit.

Qal li meta ezamina l-*accounts* w ghamel r-rikonciljazzjoni dovuta, rrizultalu li kien hemm xirja u l-pagamenti konsegwenti ammontanti ghal hamest elef mitejn u hamsin lira maltin (LM5250) li ma gewx kkunsidrati ghaliex m'instabitx l-*invoice* relattiva. Qal li minn naha tat-Tax Compliance Unit, gew mitluba biex jibghatu c-cekk halli huma jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom anzi ppreciza li huma fil-fatt talbuhom l-*invoices* u meta fittxewhom sabu li ma kellhom l-*invoice* partikolari u talbu lis-socjeta konvenuta tghaddilhom kopja tal-*invoices*.

Qal li fil-fatt irrizulta li minflok li kien hemm kwistjoni fuq *invoice* wahda ammontanti ghal elfejn u sitt mitt lira maltin (LM2600) li tidher a fol 34 tal-atti, s-socjeta konvenuta baghtitilhom kopja ta' din l-*invoice* wkoll li ppresenta, flimkien mal-kopja ta' din l-ircevuta bhala Dok. HD 1 u HD 2. Qal li din l-ircevuta kienet ghal elfejn u sitt mitt lira maltin (LM2600) u mhux ghal ammont kollu ta' hamest elef, mitejn u hamsin lira maltin (LM5250) kif indika qabel.

Qal li Mark Micallef tas-socjeta attrici kien kien kellem lil rapprezentant tas-socjeta konvenuta u dawn infurmawh (lix-xhud) li ma kien hemm l-ebda *invoice* ohra pendenti u qalulu wkoll li l-pagament in dezamina kien jirrigwarda l-ammont ta' elfejn u sitt mitt lira maltin (LM2600) biss.

Illi nhar l-erbatax (14) ta' Mejju 2008 xehed **Kevin Agius** (fol. 62) fejn qal li hu mpjegat bhala Awditur tax-Taxxa fi-

Tax Compliance Unit w ghalhekk kien marbut bil-kunfidenzjalita rigward xoghol.

Rat s-sentenza fl-ismijet premessi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta per Magistrat Dottor Silvio Meli nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2009 a fol. 68 et seq tal-atti fejn dik il-Qorti kienet iddikjarat l-azzjoni preskritta w illiberat lis-socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici.

Rat wkoll s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar t-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2009 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet premessi (fol. 86 et seq tal-atti) fejn irrevokat is-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta nhar l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2009 u dan billi ddikjarat li l-azzjoni odjerna ma hiex preskritta.

Isegwi ghalhekk li din il-Qorti titratta l-eccezzjonijiet l-ohra fid-dawl tal-provi migbura minn din il-Qorti diversament preseduta.

Ikkunsidrat:-

Illi din l-ahhar eccezzjoni hija fis-sens li mhux veru sar xi hlas bi svista lis-socjeta konvenuta minghand is-socjeta attrici, izda kwalsiasi hlas li ghamlet is-socjeta attrici kien dwar merca mixtrija minnha u konsenjata lilha mis-socjeta konvenuta.

M'hemmx dubbju li f'dan il-kaz almenu mill-provi prodotti kienu sar zewg pagamenti permezz ta' zewg cekkijiet mahruga mill HSBC wiehed minhom nhar il-hdax (11) t'April 2001 (Dok MM1 a fol. 29) u l-iehor mahrug nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2001 (Dok. MM 5 fol. 33). Flimkien dawn iz-zewg cekkijiet jammontaw ghas-somma komplessiva ta' disat elef mija sebgha w tletin lira maltin u hamsin centezmu (LM 9137.50).  L-atturi jghidu li dawn iz-zewg cekkijiet kellhom ikopru numru t'*invoices* partikolarment dawk bin-numri 589219 ghall ammont ta LM 1325, 590265 ghall ammont ta' LM2900, dak bin-numru 588726 fl-ammont ta' LM145, u iehor fl-ammont ta' LM2,600 (fol. 34).

Illi dawn l-erbgha *invoices* flimkien jammontaw ghas-somma ta’ sitt elef disgha mija u sebghin lira maltin (LM6970) w ghalhekk jirrizulta li sar *over payment* fl-ammont ta’ elfejn mija sebgha w sittin lira maltin u hamsin centezmu (LM 2167.50) (cioe s-somma mhallsa fl-ammont ta’ disat elef mija sebgha w tletin lira maltin u hamsin centezmu (LM9137.50) – dak dovut 6970 = 2167.50).

Illi l-konvenut fl-ebda stadju ma jghid li l-pagament li sar kien ikopri x’*invoices* ohra izda rrimetta ruhu ghall-atti processwali.

Illi m’hemmx dubbju li tirrizulta differenza bejn l-ammont imhallas u dak dovut skond l-*invoices* esebiti li qatt ma gew kontestati.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-hamsa (5) t’Ottubru 1998 fl-ismijiet **Anton Azzopardi noe et Lawrence Ciantar et noe** inghad li:-

*“Il-Qorti ta’ l-Appell identifikat l-azzjoni bhala wahda ta’ hlas lura t’indebitu, u ccitat b’approvazzjoni l-insenjament illi l-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq, mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq, izda wkoll ghalkemm meta hemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas zzejjed illi kien misthoqq u jekk jigri hekk min thallas jista jfittex ghar-radd ta’ zejjed imhallas, Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista jintalab bil-jedd, jehtieq li dak il-hlas ikun sar bi zball, u dan l-izball kien di fatto. L-izball di diritto ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd*”

**Ghaldaqstant il-Qorti taqbel li s-socjeta attrici ghamlet *over payment* lis-socjeta konvenuta, fid-dawl tal-provi prodotti, izda dan f’ammont izghar minn dak pretiz minnha kif indikat fl-avviz promotur w ghalhekk qieghda, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet dwar l-preskrizzjoni, stante li l-mertu taghhom gia gie deciz mill-Qorti tal-Appell, qed tichad it-tielet eccezzjoni dwar il-mertu u tilqa t-talba attrici billi tirriduciha ghall-ammont ta’ elfejn**

**mija sebgha w sittin lira maltin u hamsin centezmu (LM 2167.50) u tikkundanna lis-socjeta konvenuta tirrifondi lura dan l-ammont lis-socjeta attrici.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mis-socjeta konvenuta bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------